MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 97/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Caruana talli fl-14 ta' Awwissu 2001, u fil-gimghat precedenti f'tas-Sliema, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' Lm3492, li giet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, b'detriment ta' Michael u Lucienne Sciortino;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Marzu 2004 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Caruana hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkunndannatu ghall-hlas ta’ multa ta' tlett mitt liri Maltin (Lm300);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John Caruana pprezentat fit-12 ta’ April 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant mill-htija u mill-kundanna imposta fuqu, jew subordinatament tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati u thassarha u tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi peress illi huwa jsostni li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni ta' htija minhabba li huwa ma kienx car bizzejjed fl-ispjegazzjoni tal-*forma mentis* tieghu fil-mument li ghamel l-atti ta' approprjazzjoni. Huwa jispjega li minbarra z-zminijiet difficli fin-negozju, minhabba l-problemi matrimonjali li kellu u li ghad ghandu, kuntrarjament ghal dak li hasbet l-ewwel Qorti huwa ma setax jutilizza kontijiet bankarji izda kien ikollu juza flus kontanti, *bills payable* u titoli ta' din ix-xorta. Huwa jissottometti hekk:

"Meta persuna tinghata somma flus, nghidu ahna mitt lira f'hames karti ta' l-ghoxrin lira, sabiex isir uzu partikolari bihom, ma jkun hemm ebda approprjazzjoni indebita jekk il-mandatarju juza dawk il-hames karti ta' l-Lm20 ghal skop iehor, izda xorta jesegwixxi l-mandat lilu moghti billi juza mitt lira ohra li huwa jkollu fil-but, nghidu ahna f'forma ta' ghaxar karti ta' Lm10. Il-valur ta' dawk il-karti huwa fil-*purchasing power* taghhom, u mhux fil-karti nfushom. Hekk fil-kaz Pulizija vs Anthony Mary Bajada il-Qorti osservat li d-*dolo* johrog mid-decizjoni univoka tal-mandatarju li jsir padrun ta' l-oggett mghoddi lilu, bl-intiza

li ma jwettaqx dak li gie mitlub iwettaq mill-mandant. Izda fil-kaz odjern, meta l-appellant uza l-flus mghoddija lilu minn Michael Sciortino ghal skop iehor, huwa agixxa taht l-impressjoni li kellu fondi ohrajn ta' l-inqas ekwivalenti ghal dak l-ammont; meta mbaghad ma setax isib dawk il-flejjes, huwa beda jipprova jara ghalxiex huwa kien taht dik l-impressjoni. Din l-impressjoni setghet kienet gejja mill-konfuzjoni ta' ricevuta ta' *bank-draft* ma' *bill payable*, izda setghet kienet gejja minn konvinciment morali li b'kollox ma' kollox huwa kellu dawk il-fondi. Bi zvantagg ghal negozjanti fil-mestier tieghu, huwa ma setax jiccekkja l-pozizzjoni tieghu semplicement billi jitlob statement mill-bank, ghax il-fondi tieghu kienu qed jinzammu mod iehor. Huwa ghalhekk li l-konvinciment ta' l-Ewwel Qorti li l-appellant kien jaf x'kellu fil-kont (!) huwa *unsafe and unsatisfactory*, u jimmerita revizjoni. L-appellant baqa' jfittex fuq li jfittex biex isib x'sar mill-flus li huwa kien konvint li kellu, izda baqa' qatt ma sab spjega definittiva. L-appellant jista' jinghad li kien dizorganizzat, forsi anke traskurat, izda zgur mhux li dolozament ried jaghmel qliegh minn fuq Michael Sciortino li kien habib tieghu."

Bazikament dak li jirrizulta mill-provi hu li l-appellant kien jiggestixxi agenzija ta' l-ivvjaggar. Michael Sciortino bbukkja vjagg ghall-familja tieghu u familja ohra ma' l-appellant u ghaddielu numru ta' pagamenti sabiex l-appellant igiblu l-biljetti necessarji. L-ewwel pagament kien ta' Lm800 li l-appellant hallas lil KD Travel Services Ltd. bhala depozitu ghall-vjagg koncernat. Sussegwentement Michael Sciortino ghamel tliet pagamenti ohra lill-appellant ta' Lm92, Lm3200 u Lm200 rispettivament. L-appellant naqas li jhallas il-bilanc dovut lil KD Travel Services Ltd. biex ikunu jistghu jinhargu l-biljetti u fil-fatt Michael Sciortino kellu jerga' jhallas l-ammont mehtieg.

Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija[1] l-appellant ikkonferma li kien ircieva s-somma ta' Lm3,492 minghand Michael Sciortino izda spjega li dak li gara kien li hu kien minghalih li kellu *bank drafts* ghal Lm6,000 u li seta' jdur ghalihom

[1] Fid-29 ta' Awissu 2002 a fol. 8 u 9.

meta jinqala' l-bzonn u ghalhekk il-flus li kien ircieva minghand Michael Sciortino kien nefaqhom fosthom biex ihallas il-kera. Meta gie biex ihallas ghall-btala nduna li l-*bank drafts* ma kinux baqghu ghandu ghaliex fil-fatt kien sarrafhom u uzahom xi tliet snin qabel. Fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant bazikament ikkonferma dak li kien qal lill-Pulizija. Qal li fis-sena 1998/1999 kien wiret somma kbira flus u parti minnhom kien ghamilhom *bills payable* lilu billi hareg *bank drafts* favur tieghu u haseb li peress li kellu dawn il-*bills payable* kellu bizzejjed flus biex ikopri l-ispejjez. Esebixxa kopja tal-*bills payable* bhala Dok. Z. Huwa kien ittrasferixxa l-ufficcju tieghu minn Rudolph Street f'tas-Sliema ghal Tigne` Street u biex ghamel dan it-trasferiment kellu bzonn il-flus. L-appellant xehed hekk: "Naturalment kien hemm il-kontijiet ancillari ta' kull xahar u nghid li dawn il-bills payable jiena uzajthom ghal dawn l-affarijiet u l-flus tas-Sur Sciortino uzajthom biex naghmel il-hlasijiet tal-pagamenti tan-negozju. Dan ghamiltu bl-intendiment li jiena kelli fuqhiex naghmlu".

L-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar dak li qal l-appellant (allura imputat) fir-rigward ta' l-uzu li ghamel mill-flus u x'kien il-hsieb tieghu huwa dan:

"Il-Qorti thoss li l-imputat m'ghamilx uzu specifiku mill-flejjes li gew mghoddija lilu b'struzzjonijiet specifici. Huwa jghid li wzahom ghaliex haseb li kellu flus ohra li jkopruh.
Il-Qorti ma hix konvinta mill-ispjegazzjoni li ta l-imputat u dan ghaliex bniedem fil-mestier ta' negozju kif kien hu, ikun jaf jekk ghandux flejjes fil-kont tieghu. Hawn hekk si tratta ta' somma ta' 'l fuq minn tlett elef lira u ghalhekk il-Qorti thossha difficli temmen li l-imputat kellu flus biex ikopru din is-somma ghaliex tfixkel ricevuta ta' hrug ta' bank draft li thallsu fis-sena 1998 ma' flejjes li suppost kellu l-imputat fis-sena 2001 - sentejn wara.

Il-Qorti temmen li l-imputat qabad w iddispona mill-flus kif dehrlu hu u fil-fatt sabiex ihallas xi kontijiet li huwa possibilment kellu pendenti u mhux skond l-iskop li dawk kienu fdati lilu u b'hekk ma hemmx dubbju li kkawza hsara lill-patrimonju ta' Michael Sciortino li effettivament kellu jerga' jhallas il-vjagg mill-gdid."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, l-ewwel Qorti kienet gustifikata taghmel dan l-apprezzament. Jirrizulta bhala fatt u *ex admissis* li minflok ma l-appellant uza somma li kienet giet fdata lilu sabiex ihallas ghal vjagg kif ordnat minn Michael Sciortino, uza dik is-somma ghall-bzonnijiet tan-negozju tieghu. Fir-rikors ta' appell tieghu qal li ma kienx jista' juza kontijiet bankarji minhabba problemi matrimonjali. Dan pero` la qalu fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija u lanqas meta xehed quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk fuq dan il-punt m'hemmx l-icken prova. L-appellant xehed li uza l-flus fdati lilu minn Michael Sciortino bl-intendiment li kellu fuqhiex jaghmlu minhabba l-*bills payable* li wara skopra li kienu diga` msarrfin. Minn ezami tad-Dok. Z (a fol. 82) jirrizulta li huwa veru li fl-1998 l-appellant kien talab lill-Mid-Med Bank il-hrug ta' *bank drafts* pagabbli lilu stess, tlieta minnhom fid-9 ta' Gunju 1998 ghal Lm2,000 kull wiehed. Minn dawn id-dokumenti stess pero` jirrizulta li l-validita` tal-*bank drafts* mahruga kien <u>ta' xahrejn</u>. Inoltre filwaqt li fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija qal li kien minghalih li kellu *bank drafts* ghal Lm6,000, fix-xiehda tieghu jirreferi ghal *bills payable* (effettivament il-kontenut tad-Dok. Z), u allura tistaqsi l-Qorti kif seta' l-appellant ihawwad dawn il-*"bills payable"* ma' l-ezistenza ta' *bank drafts* skaduti u mhux imsarrfin. L-appellant sostna li ma jkunx hemm approprjazzjoni indebita jekk mandatarju juza flus differenti minn dawk li jkunu nghatawlu biex iwettaq il-mandat tieghu. Izda altru jkollok dawk il-flus biex twettaq il-mandat u altru ma jkollokx u allura ma twettaqx dak il-mandat. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant qal li jista' jinghad li kien dizorganizzat u forsi anke traskurat izda mhux li kellu d-*dolo* mehtieg ghar-reat in kwistjoni. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Raymond Falzon** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' April 1998 (Vol. LXXXII.iv.156) intqal hekk:

**"Aggravju iehor ta' l-appellant hu li ma kellux id-*dolo* mehtieg ghar-reat in dizamina. Hu jghid li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li ma jirrestitwix l-oggetti (jew ir-rikavat taghhom) lill-kumpaniji. L-appellant hawn hekk qieghed jilghab bil-kliem. L-element formali ta' dan ir-**

**reat jikkonsisti fil*'volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro'* (Majno, L. *op. Cit.*, p. 105). Huwa veru li certi awturi, inkluz dak citat mill-istess appellant (Giovanni Giurati, *Trattato di Diritto Penale*, Vol. XI, *Delitti Contro la Proprieta`*, Casa Editrice Dott. Francesco Vallardi (Milano), 1913, pp. 375-376) jikkunsidraw li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett tinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (profitt, li *del resto*, ma hemmx ghalfejn ikun wiehed pekunjarju). Tali intenzjoni, izda, irid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni, tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruhha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata (ara Giurati, G., *ibid.*, Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale I*, Giuffre` (Milano), 1986, pp. 285-286)".**

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li ntqal f'dik is-sentenza jista' japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern ukoll fejn il-flus gew konsenjati lill-appellant ghal uzu specifiku. Ghalhekk, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li saru qabel, temmen li l-element formali tar-reat in dizamina jirrizulta soddisfacentement pruvat. B'hekk l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant isostni li galadarba l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li c-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma jimmeritawx piena karcerarja, l-impozizzjoni ta' multa la ssib konfort fil-ligi applikabbli u hija kontraproducenti ghall-interessi ta' l-appellant.

Dwar il-piena jrid jinghad l-ewwel nett li l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat.

Effettivament ghalkemm il-piena stabbilita mil-ligi ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita hija dik ta' prigunerija, l-ewwel Qorti kkundannat l-appellant ghall-hlas ta' multa.

Hawn jidher li dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti, ghalkemm naqset milli tghidu, kienet l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 in vista tac-cirkostanzi minnha msemmija fis-sentenza. Certament il-piena nflitta hija wahda minima a paragun tal-piena stabbilita mil-ligi. Pero` issa tezisti cirkostanza ohra li ngabet a formali konjizzjoni tal-Qorti, u cioe` li l-appellant hallas lil Michael Sciortino s-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000) ghas-saldu ta' dak kollu li kien dovut minnu kif jirrizulta mill-ircevuta esebita fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2004. In vista ta' din ic-cirkostanza gdida ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tvarja wkoll il-piena nflitta mill-ewwel Qorti billi minflok multa tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300) u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446, tilliberah taht kondizzjoni (*conditional discharge*) li ma jaghmel ebda reat matul il-perijodu ta' sitt xhur dekorribbli millum. Il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew ir-responsabbilta` tieghu skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------